VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 19,032, 19 ta' Frar, 2013
Taqsima B

A.L. 66 tal-2013

ATT DWAR IL-FORZI ARMATI TA' MALTA
(KAP. 220)
Regolamenti tal-2013 li jemendaw ir-Regolamenti dwar in-Nomini u l-Kondizzjonijiet tas-Servizz tal-Forza Regolari tal-Forzi Armati ta' Malta

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 4 tal-Att dwar il-Forzi Armati ta' Malta, il-President ta' Malta, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-Regolamenti huwa Regolamenti tal-2013 li jemendaw ir-Regolamenti dwar in-Nomini u l-Kondizzjonijiet tas-Servizz tal-Forza Regolari tal-Forzi Armati ta' Malta, u għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar in-Nomini u l-Kondizzjonijiet tas-Servizz tal-Forza Regolari tal-Forzi Armati ta' Malta, hawn iżjed il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". L.S.220.03

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

2. Ir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minnufih wara t-tifsira "jistabilixxi" għandha tiżdied it-tifsira li ġejja:

" "korp dixxiplinat" tfisser -

(a) il-Forzi Armati ta' Malta;

(b) il-Korp tal-Pulizija; u

(ċ) is-Servizzi Korrettivi ta' Malta;";

(b) it-tifsira ta' "servizz li għandu jiġi kalkolat" għanda tiġi sostitwita b'dan li ġej:

"servizz li għandu jiġi kalkolat" jinkludi servizz speċjali li għandu jiġi kalkolat u servizz f'korp dixxiplinat;".

Jemenda t-Taqsima I tat-Tielet Skeda tar-regolamenti prinċipali.

3. Il-paragrafu (a) tal-artikolu 3 tat-Taqsima I tat-Tielet Skeda tar-regolamenti prinċipali għandhu jiġi sostitwit b'dan li ġej:-

"(a) meta jew wara li jagħlaq l-età ta' ħamsa u ħamsin sena, jew jekk ikun għalaq fil-forza ħamsa u għoxrin sena servizz li għandu jiġi kalkolat;".

VERŻJONI ELETTRONIKA

Jemenda Taqsima II tat-Tielet Skeda tar-regolamenti prinċipali.

4. Ir-regola 3 tat-Taqsima II tat-Tielet Skeda tar-regolamenti prinċipali, għandha tiġi sostitwita b'dan li ġej:-

"3. Is-servizz li għalih tista' tingħata pensjoni ma għandux ikun maqtugħ, ħlief fil-każijiet li fihom is-servizz ikun ġie maqtugħ minħabba li tneħħiet il-kariga, ġie terminat b'mod normali l-ingaġġ, jew permezz ta' rtir volontarju, u mhux minħabba li s-servizz ikun ġie terminat skont ir-regolament 14(1) u (2) u r-regolament 45, jiġifieri minħabba kondotta ħażina.".